MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1454/2003

**A & V Von Brockdorff Services Limited**

**Vs**

**Martin Zerafa personalment Datatrack Holdings plc**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' hames mija u tmien liri Maltin (Lm508) rapprezentanti l-valur ta' biljetti ta' l-ajru debitament mibjugha lill-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi huwa qatt m'ordna jew xtara biljetti ta' l-ajru minghand is-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Hugh Von Brockdorff, Henry Bonnici u Martin Zerafa.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li kien hemm fiera organizzata l-Libja u li l-kumpanija Green Leaves Limited, tramite Henry Bonnici, kienet qed thajjar lin-negozjanti Maltin biex jippartecipaw.

Effettivament Henry Bonnici tkellem ma' Martin Zerafa u l-istess Martin Zerafa accetta li jippartecipa fil-fiera u fil-fatt hallas is-somma ta' elfejn mitejn u tnejn u hamsin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm2,252.31c) kif jidher mid-dokument a fol 15 tal-process.

Jigi rilevat illi fil-fatt dan id-dokument juri pagament mhux minn Martin Zerafa personalment u lanqas minn Datatrack Holdings plc izda minn MPDS Limited. Inoltre, l-*invoice* tal-Green Leaves Limited huwa fuq NPDS Limited.

Illi Henry Bonnici mbaghad inkariga lis-socjeta' attrici sabiex tohrog il-biljett ta' l-ajru necessarju u fil-fatt, fuq informazzjoni moghtija lilu minn Martin Zerafa, hargu erba' biljetti ta' l-ajru mis-socjeta' attrici. Il-biljetti ngabru minn Henry Bonnici u nghataw lill-konvenut li wzahom ghalih u ghan-nies minnu nkarigati biex imorru l-fiera. Jirrizulta li fil-fatt is-socjeta' attrici ma thallsitx ghal dawn il-biljetti u jirrizulta wkoll illi dawn il-biljetti ta' l-ajru attwalment intuzaw kemm mill-konvenut personalment kif ukoll mill-persuni l-ohra li vvjaggaw mieghu.

It-Tribunal ma jistax ma jirrilevax f'dan l-istadju li fil-fatt ma kienx hemm inkarigu dirett mill-konvenut personalment jew mis-socjeta' konvenuta mas-socjeta' attrici. Ir-relazzjoni guridika fir-rigward tal-biljetti ta' l-ajru kienet bejn is-socjeta attrici u s-socjeta' Green Leaves Limited tramite Henry Bonnici.

Illi ghalhekk, kif sewwa gie rilevat fl-eccezzjoni, l-konvenuti m'ordnaw u ma xtraw l-ebda biljetti ta' l-ajru minghand is-socjeta' attrici.

Pero' jibqa' l-fatt illi effettivament dawn il-biljetti ntuzaw mill-konvenut personalment u anki min-nies minnu nvitati biex jippartecipaw fil-fiera u ghalhekk jibqa' biex jigi ezaminat jekk fuq bazi ta' ekwita' l-konvenut ghandux jaghmel tajjeb ghal dan is-servizz.

Mid-dokumenti esebiti jirrizulta li fil-fatt il-konvenut, meta ghamel il-*booking* ma' Henry Bonnici, kien fehem li l-*booking* kien ikopri kollox, komprizi l-*flights*, l-*accommodation* u l-*participation fee* tal-fiera. Tali ftehim tinsab assodata mill-fatt li l-biljetti bbukkjahom Bonnici u l-istess Bonnici gabarhom minghand is-socjeta attrici u kkonsenjahom lill-konvenut. Bonnici m'esigiex hlas separat ta' dan minghand il-konvenut.

Ghalhekk fic-cirkostanzi kif inhuma, t-Tribunal ma jidhirlux li fuq bazi ta' ekwita' t-talba attrici ghandha tigi akkolta. Ghal kull buon fini pero' ghandha tigi riservata favur is-socjeta' attrici kull pretenzjoni *si et quatenus* kontra s-socjeta' Green Leaves Limited u/jew kontra Henry Bonnici personalment.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------